# Il-Ħadd 10.04.2022

1. Illum 10/04, **Ħadd il-Palm**:
   - Fid-8:45am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fid-9:00am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn: Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja, għall-knisja parrokkjali.
   - Fid-9:15am - Inkomplu bil-quddiesa. Infakkru lit-tfal biex iġibu l-Karus ta' Mħabba.
2. It-Tnejn 11/04 u t-Tlieta 12/04:
   - Matul dawn il-jumejn, qed nitolbu biex min jista' jġib fjuri bojod u ħaxix ħalli jkun jista' jiżżejjen l-Altar tar-Repożizzjoni (is-Sepulkru).
3. It-Tnejn 11/04, **Pellegrinaġġ Devozzjonali tad-Duluri**:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa
   - Fis-7:00pm - Pellegrinaġġ li jgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq S. Pawl, Triq S. Ġużepp, Triq S. Ġorġ, Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq S. Tumas, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.
4. L-Erbgħa 13/04:
   - Mit-8:15am sad-9:00am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
5. Għall-jiem tat-**Tridu ta' l-Għid – jiġifieri Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, u Sibt il-Għid** – araw il-programm dettaljat li qiegħed sew fuq in-*Notice boards* tal-Knisja u sew fuq il-*facebook* u l-*website* tal-parroċċa. Inħeġġu ħafna l-parteċipazzjoni tagħkom f'dawn il-funzjonijiet speċjali. F'dawn il-jiem ikollna bżonn ħafna għajnuna, speċjalment hawn fil-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru, kemm fl-armar u kemm fit-tindif tal-knisja.
6. Is-Sibt 16/04, **Sibt il-Għid**:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Parti mill-funzjoni tkun li nixgħelu ix-xemgħat mill-Blandun. Nistednukom iġġibu x-xemgħat magħkom mid-dar, qies normali. Wara li nużawhom fil-funzjoni nħalluhom il-knisja biex inkunu nistgħu nixegħeluhom matul is-sena fuq l-altar maġenb it-tabernaklu.
7. Avviżi oħra:
   - Infakkar li għandna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa li ta' min inżuruhom:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'garaxx nru 28, Triq Dun Ġużepp Caruana.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 80 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 90 bħala donazzjonijiet bl-istess għan.
   - € 30 bħala donazzjonijiet b'risq il-poplu tal-Ukrajna.

   Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Grazzi.
9. **Monsinjur Arċisqof sejjaħ lili, Kan. David Farrugia, li għal dawn l-aħħar 7 snin u 10 xhur qdejt bħala Kappillan f'din il-parroċċa, biex nibda naqdi l-ministeru saċerdotali tiegħi bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' B.V.M Assunta ta' Ħad-Dingli.**

   **Monsinjur Arċisqof għoġbu jsejjaħ lill-Kan. Ivan Scicluna, li issa ilu jservi bħala saċerdot jgħin fil-parroċċa tagħna għal dawn l-aħħar 6 snin biex ikun il-Kappillan il-ġdid ta' din il-parroċċa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, Ħal Safi.**

   **Waqt li nħeġġukom titolbu ħafna għalina, nirringrazzjawkom dejjem u napprezzaw il-kooperazzjoni sħiħa tagħkom f'dan il-mument delikat ta' bidla.**
10. Nitolbu għal Joseph Cassar li għaddha għal ħajja ta' dejjem. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ...